# ID-DAWL

LULJU 2022 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 55

"Sidkom jgħid: Itolbu Lili; Jiena nisma' t-talb tagħkom."



Il-Problema ta' żminijietna | Kif skoprejt lil Alla | It-Talb huwa Antidotu | Id-Dnub u l-Maħfra

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# IL-PROBLEMA TA' ŻMINIJIETNA


***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*


L-akbar u l-aktar problema inkwetanti li naffaċċjaw fiż-żminijiet tal-lum hija t-tiċħid tal-eżistenza ta' Alla u t-tbegħid tagħna minnU. Iż-żieda fil-biża' u d-diżordni, u n-nuqqas ta' paċi u tama huma sinjali ċari li l-umanità nsiet lill-Ħallieq tagħha, is-Sid tal-univers kollu. Għaldaqstant, huwa evidenti u fatt li ma jistax jinċaħad li l-paċi u l-prosperità fid-dinja jiddependu mit-tip ta' relazzjoni u komunjoni li jkollna ma' Alla l-Ħanin u l-Għażiż. Madanakollu, iqumu dawn il-mistoqsijiet: **Kif nistgħu nkunu nafu li Alla jeżisti? Kif nistgħu nsibu 'l Alla? Kif noħolqu relazzjoni fil-qrib ma' Alla?**

Il-ħolqien tal-univers b'dak kollu li hemm fih huwa sinjal ċar u evidenti tal-Ħallieq. Huwa bir-raġun u bil-loġika li anki lapes jieħu l-forma tiegħu bis-saħħa ta' disinjatur u ħallieq, allura kif jista' jkun li univers vast, organizzat u perfett ma jkollu l-ebda disinjatur u ħallieq. **Ma rridux ninsew li n-nuqqas ta' għarfien ta' xi ħaġa m'għandux iwassal għat-tiċħid tal-eżistenza tagħha. Bl-istess mod, in-nuqqas ta' għarfien ta' Alla ma jfisser bl-ebda mod li HUWA ma jeżistix.**


## ID-DAWL

Lulju 2022 – Numru 55 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**


## INDEX


| | |
|---|---|
| The problem of our times | 2 |
| How I found God? | 4 |
| Prayer is an antidote | 6 |
| Door of acceptance | 6 |
| Sin and forgiveness | 7 |



**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Zurijeta | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira




It-tieni nett, hemm ħafna modi kif insibu lil Alla; fosthom nistgħu nsibu lil Alla permezz tas-sinjali Tiegħu u bl-aċċettazzjoni tat-talb tagħna. Hemm ukoll l-għarfien Tiegħu li persuna tista' tikseb bis-saħħa tal-Profeti u b'hekk issalva ruħha mill-mewt u l-qerda. Hemm ukoll il-karatteristika Tiegħu li jisma' t-talb ta' dawk li huma bla sabar u dawk mikdudin; u ta' dawk li jsejħulu, u ta' dawk li jitolbuh, u ta' dawk li jfittxu l-protezzjoni u l-barkiet Tiegħu. Barra minn hekk, biex tinħoloq relazzjoni soda m'Alla huwa essenzjali li wieħed ikun esperjenza l-Benefiċenza u l-Ġmiel Tiegħu. Pereżempju, meta wieħed ikun sab l-għajnuna divina fi żmien ta' qtigħ il-qalb u dgħufija, fi żmien ta' ħtieġa, jew fi żmien ta' niket kbir.

Għalhekk, meta individwu jesperjenza l-benefiċenza u l-barkiet divini l-fidi tiegħu tissaħħaħ ħafna u joqrob lejn Alla bħalma l-ħadid jinġibed lejn kalamita. L-imħabba tiegħu lejn Alla tiżdied immensament u l-fiduċja f'Alla ssir ukoll b'saħħitha ħafna. U meta nesperjenzaw l-eżistenza ta' Alla f'ħajjitna dan iwassal biex ikollna relazzjoni u ħbiberija aktar intima m'Alla. Bħalma r-ruħ qatt ma toħroġ mill-ġisem waqt li l-persuna tkun għadha ħajja, bl-istess mod, iċ-ċertezza li tidħol fih minn Alla, Omnipotenti u Glorjuż, qatt ma titilqu. U dan isaħħaħ kontinwament il-komunjoni tagħna m'Alla u jsaħħaħ kontinwament il-ħbiberija tagħna mal-Mulej tagħna.

# KIF SKOPREJT LIL ALLA

**MUSKAN ATIF**
Studenta tal-Iskola Medja

Nixtieq naqsam magħkom storja personali kif *Al-Mujeeb* Alla – Dak li Jisma' t-Talb – għenni u laqa' t-talbiet tiegħi.

Xi ftit tax-xhur ilu, waqt li kont bilqiegħda fis-salott, ħija ġie jgħidli li missieri ma kienx se jħallih imur għall-partita tal-futbol bħala kastig ta' xi ħaġa li ma għamilx. Meta ħija qalli dan, ħassejtni ddispjaċut ħafna għax ħija kien ittrenja ħafna għal din il-partita, u kien se jkun ħafna mdejjaq kieku kellu jitlifha. Imbagħad iddeċidejna li nitolbu lil Alla l-Ħanin ħalli Hu jgħinna. Ħija u jien bdejna nitolbu lil Alla Omnipotenti ħalli dan jgħinu jmur għal-logħba futbol, u meta jirritorna missieri d-dar dan iħalli lil ħija jmur jilgħab f'din il-logħba li kienet se ssir l-għada.

Tard filgħaxija, meta missieri ġie lura mil-laqgħat tiegħu, sejjaħ lil ħija u qallu: **"Qalbi Nauman, għada tista' tmur il-futbol, Insh'Allah (jekk Alla jrid)."**

Jiena kont maġenbu u meta smajt dan bqajt imbellah. Bdejt naqbeż bil-ferħ u għedt: **"Mash'Allah – hekk Alla ried."** Fl-istess waqt, in-naħa l-oħra, ħija wkoll beda jaqbeż b'tant saħħa u ferħ li kien qisu rebaħ il-lotterija jew xi ħaġa li tiswa ħafna. It-tnejn konna konvinti sew li kien biss bis-saħħa tat-talb li missieri tah il-permess, u xejn aktar. Il-għaliex, waqt li missieri ma kienx id-dar, aħna ma għednilux li konna qed nitolbu. Għalhekk, min ġagħal lil missieri jippermetti lil ħija biex imur għal-logħob? Jiena konvint li kollox seħħ permezz tat-talb tagħna u, meta Alla laqa' t-talb, kollox sar possibbli.

Imbagħad aħna fraħna b'ħija u kollha konna kuntenti li huwa seta' jmur għall-partita. L-għada filgħodu hu mar jilgħab, u meta ġie lura d-dar, kien kuntent ħafna għaliex kienu rebħu l-logħba.

Dan kollu seħħ minħabba l-fatt li Alla tassew jeżisti; u Huwa jilqa' t-talb u s-suppliki tagħna. Kull meta aħna nersqu lejH b'sinċerità u b'umiltà Huwa qatt ma jiddiżappuntana. Bla dubju ta' xejn, il-ħniena ta' Alla hija infinita u bla limitu. Alla l-Omnipotenti qatt ma jħallina b'idejna vojta, mingħajr premjijiet jew benedizzjonijiet, meta aħna niftħu jdejna lejH biex nitolbuH xi ħaġa.

Madanakollu mhux dejjem ikun il-każ li t-talb tagħna jiġi aċċettat eżatt kif inkunu nixtiequ aħna. Xi kultant Alla jisma' talbna mal-ewwel, u xi kultant l-għerf Divin jiddeċiedi li t-talb tagħna jinstema' aktar tard jew b'manjiera oħra. Xorta waħda aħna rridu nibqgħu nemmnu f'dak li Alla Omnipotenti stqarr meta qal li, **Huwa jaċċetta t-talb tagħna**.

Jalla Alla l-Omnipotenti jgħinna nifhmu l-filosofija proprja tat-talb u jgħinna nitolbu Lilu b'sinċerità kbira; u jalla Alla l-Omnipotenti dejjem jaċċetta t-talb tagħna u jżidilna l-fidi u l-imħabba fiH. Ammen.


Sumstudio | Shutterstock

# IT-TALB HUWA ANTIDOTU

Alla l-Omnipotenti tana l-aħbar tajba li huwa jaċċetta t-talb u s-suppliki tagħna, li huwa mezz importanti ta' kif tiġi stabbilita relazzjoni eqreb m'Alla. Madanakollu, Alla l-Omnipotenti ddikjara wkoll li jekk aħna nixtiequ li Huwa jilqa' t-talb tagħna, mela aħna rridu nobduh u nsegwu l-kmandamenti Tiegħu.

> **U meta l-qaddejja Tiegħi jsaqsuk Għalija, ja Profeta, għidilhom li Jiena ninsab qrib tagħhom. Jiena nisma' t-talbiet tagħhom u nilqagħhom meta huma jitolbu Lili. Għalhekk għandhom jisimgħu Minni u jemmnu Fija, ħalli jkunu jistgħu jimxu fit-triq it-tajba.** (2:187)

# IL-BIEB TAL-AĊĊETTAZZJONI

Il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya jgħid: "It-talb huwa l-qofol tal-Iżlam u din hija xi ħaġa li l-Musulmani huma kburin biha. Imma ftakru, it-talb mhuwiex biss it-tlissin tal-kliem; pjuttost, huwa meta l-qalb timtela bil-biża' ta' Alla Omnipotenti u r-ruħ tas-supplikant tiġri bħall-ilma quddiem l-għatba divina. Hija tfittex il-maħfra għad-dgħufijiet u d-difetti tagħha mingħand Alla Setgħani u Omnipotenti. Dan huwa stat li, fi kliem ieħor, jista' jissejjaħ mewt. Meta jasal dan l-istat, mela nkunu ċerti li l-bieb tal-aċċettazzjoni jkun infetaħ għas-supplikant u jingħataw abbiltà speċjali, grazzja u rieda ferma ħalli jibqgħu 'l bogħod mill-ħażen u jibqgħu sodi fil-virtujiet. Fuq kollox, dan il-mod huwa l-aqwa."[(i)]

Għalhekk, dan hu l-aqwa mod tat-talb, jiġifieri, il-kisba tal-qrubija ta' Alla Omnipotenti, u t-tbegħid mid-dnub. Din hija r-raġuni li Alla l-Ħanin tana talba sabiħa li rridu ngħiduha l-ħin kollu biex nibqgħu sodi fil-fidi tagħna lejn Alla u lejn it-tjubija.

> **"Lilek biss inqimu u lilek biss nitolbu għall-għajnuna. Mexxina fit-triq it-tajba, it-triq ta' dawk li berikt bil-grazzja tiegħek, mhux ta' dawk li ġabu l-għadab tiegħek, u lanqas tal-mitlufin."**

# ID-DNUB U L-MAĦFRA




Xi wħud jgħidu li tant dinbu f'ħajjithom li Alla Omnipotenti żgur li qatt mhu se jaħfrilhom. Oħrajn isaqsu wkoll jekk persuna li dinbet ħafna għandhiex ċans li tinħafer. Imbagħad hemm oħrajn li minħabba li jaħsbu li qatt mhu se jingħataw il-maħfra jibqgħu jgħixu fid-dnub. Fir-realtà, ix-Xitan iqiegħed dan il-ħsieb f'moħħhom u juża dawn il-manuvri biex ibiegħed in-nies minn Alla. Dawn in-nies imbagħad ikunu kompletament fil-ħakma tax-Xitan.

Biex ifisser kif wieħed għandu jiskappa mill-qbid tax-Xitan, il-Messija Mwiegħed[as] jistqarr: **"Il-ħsieb li wieħed ikun wettaq viżibilju dnubiet ma għandux iżomm lill-midneb milli jirrikorri għat-talb. It-talb huwa antidotu. Fl-aħħar mill-aħħar, wieħed jibda jintebaħ kif it-talb jgħin biex iwelled fih stmerrija lejn il-ħażen."**[(ii)]

**It-talb kollu jintlaqa'? It-talb jista' jiġi miċħud? Għaliex ċertu talb jintlaqa' u ieħor le?** "Fejn Alla Omnipotenti jkun jixtieq titjib u riforma, it-tiċħid ta' talba jista' jkun ukoll forma ta' aċċettazzjoni. Xi kultant, persuna ma jirnexxilhiex tikseb dak li tkun tixtieq hi mit-talb.

Wieħed jissoponi li Alla Omnipotenti jkun irriġetta t-talb tiegħu, anki jekk fir-realtà Huwa jkun laqa' t-talb tal-persuna u din l-aċċettazzjoni timmanifesta ruħha bħala diżapprovazzjoni. F'dan il-każ speċifiku, wara dak li jidher, fil-verità, il-vantaġġ u l-benefiċċju reali jinsabu fiċ-ċaħda proprja tat-talba tas-supplikant. Minħabba li l-bniedem ma jirriflettix biżżejjed u ma jiflix sew l-affarijiet ta' madwaru, għax jara biss dak li jidher, ta' min jirrikkmanda li meta jitlob lil Alla Gglorifikat u ma jirċevix riżultat li jidher ta' benefiċċju għalih skont il-ħsieb li diġà kellu f'moħħu, m'għandux jeħodha kontra Alla u jikkonkludi li t-talb tiegħu ġie kompletament riġettat. Alla Omnipotenti jisma' t-talb ta' kull supplikant.

**Itolbu Lili; jiena nisma' t-talb tagħkom** (40:61). Il-misteru u s-sigriet jinsabu fil-fatt li l-aqwa ġid u benefiċċju għas-supplikant joħorġu meta t-talb jiġi riġettat."(iii)

## IL-PRINĊIPJU TAT-TALB

"Dan huwa l-prinċipju tat-talb. Fl-aċċettazzjoni tat-talb, Alla Gglorifikat ma jinfluwenzax ruħu mill-ħsibijiet u x-xewqat tagħna.

Wieħed jista' josserva kif omm iżżomm lil binha. Hija tixtieq li tipproteġih il-ħin kollu. Iżda, jekk it-tifel jibda jibki u jinsisti fuq l-idea assurda li jingħata sejf li jaqta' ħafna jew biċċa faħam taqbad, dik l-omm, minkejja l-imħabba u l-kompassjoni ġenwina tagħha, qatt se tapprova li binha se jżomm biċċa faħam taqbad u b'riżultat ta' dan jaħraq idu, jew li jaqta' idu b'xafra taqta' ta' sejf? U żgur li le. Il-prinċipju sottili tal-aċċettazzjoni tat-talb jista' jinftiehem fid-dawl ta' dan l-eżempju."(iv)

---

(i) *Malfużat*, Vol. 7, p. 263, edizzjoni 1984
(ii) *Malfużat* Vol. 1, p. 4, edizzjoni bl-Ingliż, 2018
(iii,iv) *Malfużat* Vol. 1, p.102, edizzjoni bl-Ingliż, 2018

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**